# KUNSILL LOKALI BORMLA

# Rapport Annwali Amministrattiv

2019

Werrej



| | Pagna |
|---|---|
| **Introduzzjoni mis-Sindku** | **2** |
| **Il-Kunsill Lokali** | **3** |
| **Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali** | **6** |
| **Il-Hidma tal-Kunsill Lokali** | **9** |
| **L-iskeda tal-Varjazzjoni fid-dhul u fin-nefqa** | **13** |



THE REST, MISRAH SANTA MARGHERITA, BORMLA

## *1.0 L-Introduzzjoni tas-Sindku*

Minghajr ebda dubju, l-2019 kienet sena ferm important ghall-Kunsill Lokali ta' Bormla. Dan ghaliex matul l-2019, inzammu l-elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali, elezzjonijiet li gabu bidla sostanzjali fil-membri eletti. Kien ta' sodisfazzjon ghalija ninnota illi dawk il-membri tas-seba' legislatura li ddecidew li jikkontestaw l-elezzjoni gew eletti mill-gdid. Dan ifisser illi l-elettur kien sodisfatt bil-hidma li wettqet fi hdan il-Kunsill Lokali is-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Bormla.

Kif ser tkunu tistghu taraw f'aktar dettall f'dan l-istess rapport, il-Kunsill Lokali qaghad ferm attent illi l-elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali ma jxekklux l-operat tal-istess Kunsill. Fil-fatt matul l-2019 sar xoghol estensiv ta' manutenzjoni, liema xoghol sar kemm b'haddiema li l-Kunsill Lokali ghandu assenjati mieghu, kif ukoll permezz ta' kuntratturi li tqabbdu jwettqu xoghol specifiku.

L-2019 kienet sena, illi matulha, it-tmien legislature tal-Kunsill Lokali ta' Bormla, liema legislature bdiet topera fl-1 ta' Lulju 2019, bdiet tippjana l-hidma tal-Kunsill Lokali ghall-hames snin segwenti u cioe' sas-sena 2024. Dan bil-ghan illi matul l-ewwel parti tal-2020 jigi pprezentat pjan ta' hidma fattibbli li fuqu il-Kunsill Lokali jsejjes hidmietu. L-istess pjan ta' hidma ser ikun qieghed jara illi jinholoq bilanc bejn xogholijiet infrastrutturali u dawk socjali, kulturali u edukattivi. Ser inkunu qieghdin nesploraw ukoll il-possibilita' illi jsir uzu minn fondi tal-Unjoni Ewropeja kemm il-darba jinstabu programmi li jkunu ta' beneficcju ghall-komunita' Bormliza.

## 2.0 *Il-Kunsill*

### 2.1 IL-KUNSILL

Bormla jew kif inħi magħrufa, il-Belt Cospicua, għandħa popolazzjoni ta' madwar 5,400. Għalhekk, skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali ta' Bormla huwa kompost minn seba' Kunsillieri, b'Sindku u Viċi-Sindku eletti direttament mill-poplu.

Il-parti amministrattiva tal-Kunsill Lokali hija preżentement immexxija minn Segretarju Eżekuttiv, megħjun minn żewġ Assistenti Uffijali Principali u Ufficjal Ezekuttiv. Flimkien, l-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb li tikkordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċizjonijiet kollha li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-seduti tal-Kunsill.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali, jiġi ffaċilitat bil-ħidma tas-Sotto Kumitati li jiġu maħtura mill-Kunsill Lokali. Ix-xogħol tas-Sotto Kumitati huwa li jiddiskutu u jressqu proposti għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill Lokali li mbagħad jiġu nklużi fil-pjan ta' ħidma tiegħu meta jkunu approvati fis-seduti.




### 2.2 RESPONSABILITAJIET TAL-KUNSILLIERA:

Hija prerogattiva tas-Sindku li kull Kunsillier elett jinghata responsabbilitajiet ta' setturi varji biex fihom kull Kunsillier jahdem biex il-programm elettorali u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' hidma tal-Kunsill ikun iffacilitat.

Ghal dan il-ghan, ir-responsabbilitajiet tal-Kunsilliera u tas-Sindku innifisha kif deciz mis-Sindku kienu dawn:

**Legislatura numru 7 (Jannar sa Gunju 2019)**

| | |
|---|---|
| **Alison Zerafa Civelli – Sindku** | |
| *Responsabbli minn* : | Edukazzjoni, Infrastruttura u Relazzjonijiet Pubblici |
| Tirrapprezenta lill-Kunsill Lokali fis-segwenti : | Regjun Xlokk, Forum Komunita' Bormliza, Cottonera Rehabilitation Committee |
| **Ivan Agius – Vici-Sindku** | |
| *Responsabbli minn* : | Ordni Pubblika, Harsien tal-Ambjent, Immaniggjar tat-traffiku u Latrini Pubblici |
| **Noyah Spiteri – Kunsilliera** | |
| *Responsabbli minn*: | Investiment, hwienet u kummerc |
| **Pablo Cachia Belli – Kunsillier** | |
| *Responsabbli minn*: | Sports, Innovazzjoni, Turizmu, EU Affairs, Sports, Edukazzjoni u Negozji |
| **James Cauchi – Kunsiller** | |
| Responsabbli minn : | Drittijiet tal-annimali u persuni bi bzonnijiet specjali |
| **Antonia Perini – Kunsillier** | |
| Responsabbli minn : | Sahha u anzjani |
| **Roderick Mamo – Kunsillier** | |
| Responsabbli minn : | Zghazagh, Kultura, ghaqdiet lokali u Jum Bormla |

**Legislatura numru 8 (Lulju sa' Dicembru 2019)**

| | |
|---|---|
| **Alison Zerafa Civelli – Sindku** | |
| *Responsabbli minn* : | Ambjent, Infrastruttura u Progetti, Integrazzjoni Socjali u Anzjani |
| Tirrapprezenta lill-Kunsill Lokali fis-segwenti : | Regjun Xlokk, Forum Komunita' Bormliza, Cottonera Rehabilitation Committee |
| **Marco Agius – Vici- Sindku** | |
| *Responsabbli minn* : | Kultura, Komunitajiet, Jum Bormla |
| **Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera** | |
| *Responsabbli minn* : | Zghazagh u Tfal, EU Affairs |
| **Johann Scerri – Kunsillier** | |
| *Responsabbli minn* : | Innovazzjoni u attivitajiet, Komunita' Kummercjali |
| **Martin Vella – Kunsillier** | |

*Responsabbli minn* : Sports u attivitajiet Fizici, Ordni pubblika u immaniggjar tat-traffiku

**James Cauchi**
*Responsabbli minn* : Edukazzjoni, Harsien tal-annimali

**Melanie Agius – Kunsilliera**
*Responsabbli minn* : Sahha u persuni bi bzonnijiet specjali, Qasam Socjali

## 2.3 ATTENDENZA GHAS-SEDUTI TAL-KUNSILL LOKALI

Bejn l-1 ta' Jannar 2019 u l-31 ta' Gunju 2019 fis-seba' legislatura inżammu tmien (8)laqgħat, u l-attendenza kienet hekk:

| | *Kunsillier* | *Laqghat* | *Prezenti* | *Assenti* | *Assenti b'gustifikazzjoni* | *Persentagg* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *1* | *Alison Zerafa Civelli* | **8** | **8** | **0** | **0** | **100%** |
| *2* | *Ivan Agius* | **8** | **2** | **0** | **6** | **33.33%** |
| *3* | *Noyah Spiteri* | **8** | **7** | **1** | **0** | **87.50%** |
| *4* | *Pablo Cachia Belli* | **8** | **6** | **2** | **0** | **75%** |
| *5* | *James Cauchi* | **8** | **7** | **1** | **0** | **87.50%** |
| *6* | *Antonia Perini* | **8** | **6** | **2** | **0** | **75%** |
| *7* | *Roderick Mamo* | **8** | **8** | **0** | **0** | **100%** |

Bejn l-1 ta' Lulju 2019 u l-31 ta' Dicembru 2019 fit-tmien legislatura inżammu tmien (8)laqgħat, u l-attendenza kienet hekk:

| | *Kunsillier* | *Laqghat* | *Prezenti* | *Assenti* | *Assenti b'gustifikazzjoni* | *Persentagg* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *1* | *Alison Zerafa Civelli* | **10** | **10** | **0** | **0** | **100%** |
| *2* | *Marco Agius* | **10** | **10** | **0** | **0** | **100%** |
| *3* | *Noyah Spiteri Hammett* | **10** | **8** | **2** | **0** | **80%** |
| *4* | *Johann Scerri* | **10** | **10** | **0** | **0** | **100%** |
| *5* | *Martin Vella* | **10** | **10** | **0** | **0** | **100%** |
| *6* | *James Cauchi* | **10** | **8** | **2** | **0** | **80%** |
| *7* | *Melanie Agius* | **10** | **7** | **3** | **0** | **70%** |

## 2.4 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL:

L-Istaff kollu tal-Kunsill iwettaq b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa mpossibli li wieħed jelenka bid-dettalji kollha l-ħidma li jwettqu listaff tal-Kunsill. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull xogħol ieħor tal-Kunsill f'Bormla, ħafna drabi jieħu ħafna xogħol moħbi, xogħol li jkun mibni, ppreparat u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill. Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, ħafna drabi b'xogħol ukoll barra mill-ħin normali, u dan kollu jagħmel issuċċess kbir li l-Kunsill Bormla qed jikseb tul dawn is-snin tal-ħidma tiegħu

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| Is-sur Duncan Hall | Segretarju Eżekuttiv – Responsabbli mill-operat shih tal-Kunsill Lokali, amministrazzjoni, finanzi u riżorsi umani. |
| Is-sur Brian Loffreda | Assistent Uffiċjal Prinċipali – Responsabbli mill-amministrazzjoni, relazzjoni mal-klijenti u xoghol ta' rutina fl-ufficcju |
| Is-sinjura Ramona Falzon Gatt | Assistent Ufficjal Principali – Responsabbli mill-book-keeping, relazzjonijiet mal-klijenti, cash office u xoghol ta' rutina fl-ufficcju |

*Matul din is-sena l-Ħaddiema ssekondati mal-Kunsill kienu:*

| | |
|---|---|
| James Rizzo - | RSSL Ltd. |
| Etienne Bugeja - | RSSL Ltd. |
| Martin Buhagiar – | DOL |
| Charles Lofreda - | DOL |
| Nazzareno Dalli - | DOL |
| Ivan Zammit - | DOL |
| Ian Brignone - | DOL |
| John Mary Abela - | DOL |
| Joseph Martin - | DOL |
| Lawrence Cauchi - | DOL |
| Chilton Hili - | Skema CIES |

Il-Konsulenti li intuza mill-Kunsill Lokali matul l-2019 kienu

| | |
|---|---|
| Servizz Legali - | L-avukat Marc Simiana |
| Servizz Peritali - | Il-Perit William Lewis |
| Serizzi ta' Accountancy - | Romina Perici Ferrante |
| Servizz ta' Contracts Manager - | RACS Ltd. |
| Servizz ta' Konsulenza (GDPR) - | Boom Consultancy |

## 3.0 *Il-Finanzi*

### 3.1 IL-FINANZI TAL-KUNSILL

**ID-DĦUL**

| | |
|---|---|
| L-Allokazzjoni annwali għas-sena 2017 kienet ta': | €497, 818 |
| Other Government Income | €73,684 |
| Other Supplimentary Government Income | €0 |
| **Dħul minn Bye-Laws ta' €** | |
| Permessi | €24,474 |
| **Dħul minn Kontravvenzjonijiet ta' €** | |
| Id-Dħul minn kontravvenzjonijiet (imħallsa) | € 5,467 |
| Sentenced Cases - Accrued Income | (€) |
| Kummissjonijiet | € - |
| Sponsorships | € - |
| Dhul mill-Kumitat Kongunt | €- |
| **Interessi** | |
| L-Interessi mill-Bank laħqu s-somma ta' | € 16 |
| | |
| **Id-Dħul minn attivitajiet oħra li jidħer taħt Dħul Ġenerali ta'** | |
| Donazzjonijiet | € - |
| Kontribuzzjonijiet | € 301 |
| Tender Documents | € - |
| Reklamar fil-Gurnal tal-Kunsill | € - |
| **Id-Dħul totali għas-sena 2018 kien ta'** | **€ 601,760** |
| | |

## L-INFIQ

**Is-Salarji, Onorarja u allowances b'total ta'** **€ 123,466**

**Tiswijiet u manutenzjoni b'total ta' € 14,443**

| | |
|---|---|
| Toroq u bankini | € |
| Patching | € 1,521 |
| *Office Furniture & Fittings* | €261 |
| *Public Property* | € - |
| *Tabelli tat-Traffiku* | €503 |
| *Tiswijiet ohra* | €11,246 |
| *Repair Plant and Equipment* | € 120 |
| Road Markings | € 792 |

**L-Ispejjeż għas-Servizzi b' Kuntratt laħħqu total ta' €238,933**

| | |
|---|---|
| Gbir ta' Skart | € 101,237 |
| Gbir ta' Bulky Refuse | € 32,862 |
| Kiri u Tbattil ta' Skips | € |
| Tipping Fees | € 39,172 |
| Servizzi addizzjonali ta' tindif | €2,391 |
| Knis u Tindif ta' Toroq | €27,884 |
| Tindif u Attendenza – Latrina Pubblika | € 932 |
| Tindif ta' l-Ufficcju | € |
| Parks and Gardens | €26,057 |
| Street Lighting | €8,398 |

**Amministrazzjoni u spejjeż oħra € 165,039**

| | |
|---|---|
| Utilities | €8,620 |
| Other Repairs and Upkeep | €1,798 |
| Rent | €2,057 |
| Library | € |
| National & International Membership | €1,560 |
| Office Services | €4,825 |
| Transport | €6,204 |
| *Information Services* | €1,523 |
| *Insurance* | €2,869 |
| *Professional Services* | €39,829 |
| *Community and Hospitality* | €15,515 |
| *Social Events* | €261 |
| Cultural Events | €41,579 |
| *Uniforms* | €1,934 |
| *Bank Interest and Charges* | €698 |
| *Depreciation* | €24,798 |
| Ammortisation Charge | €366 |
| Provision for bad debts | (€762) |
| Bad debts written off | €762 |
| LES Related expenses | €292 |
| Sundry Minor Expenses | €5,631 |
| Cleaning Materials | €874 |
| Penalties | €0 |
| Staff training | €326 |
| Other Contractual Services | €3,245 |
| **Totali** | **Euro 601,744** |

## *4.0 Il-Ħidma tal-Kunsill*

### 4.1 Rapport ta' Hidma

*Manutenzjoni, tabelli tat-traffiku, road markings*

Permezz tal-ħaddiema assenjati mir-Reġjun Xlokk flimkien ma' haddiema li l-Kunsill Lokali ghandu assenjati mieghu, sar xoghol ta' manutenzjoni fuq il-binja amministrattiva tal-Kunsill Lokali. Ġew installati **removable bollards u fixed bollards** f'numru ta' toroq, flimkien ma' installazzjoni ta' għadd ta' **U Channels** f'diversi nħawi. Permezz ta' haddiema li minn zmien ghal zmien iwettqu hidma mal-Kunsill Lokali, gew immanufatturati u installati numru sostanzjali ta' **railings ornamentali** f'diversi toroq u sqaqien. Permezz tal-haddiema assenjati sar ukoll xogħol kontinwu ta' **Road markings.** Sar xoghol ta' manutenzjoni estensiva fuq diversi **cnut u spazji pubblici** permezz ta' haddiema li l-Kunsill Lokali ghandu assenjati mieghu kif ukoll permezz ta' kuntratturi.

*Indafa Pubblika*

Sal-lum għad m'għandniex statistika dwar l-ammont ta' **skart riċiklabli** li nġabar mil-lokalita' fl-2019. Madanakollu jidher li l-ammont jeċċedi dak miġbur fl-2018.Il-proġett tal-ġbir tal-**iskart organiku** kompla ħalla l-impatt tiegħu fuq l-indafa pubblika fil-lokalita' u jidher li r-residenti qieghdin jitghallmu kemm huwa importanti li jsir riciklagg.

*Relazzjonijiet Pubbliċi*

Matul l-2019, hekk kif ippjanat sar aġġornament regolari tal-paġna uffiċjali tal-Kunsill fuq **Facebook** li permezz taghha il-Kunsill Lokali jzomm aggornat dwar hidmietu lil kull min izurha. Sar **Live Streaming** tas-Seduti tal-Kunsill Lokali hekk kif legalment stabbilit. Il-Kunsill Lokali niehda ezercizzju li permezz tieghu qieghed jibghat **ittri u flyers** b'mod regolari sabiex izomm lir-residenti kontinwament aggornati bil-hidma li jkun qieghed jimplimenta fil-lokalita'.

*Street Lighting*

Ġew installati numru ta' bozoz ġodda fosthom fi **Gnien Santa Margerit**a fejn saret sistema ta' dawl gdida wara li dik li kien hemmma baqghetx tiffunzjona. B'investiment li jqarreb il-hamsin elf ewro, il-Kunsill Lokali **bidel 42 fanal** li kien hemm ma' ohrajn godda f'erbatax il-triq fil-lokalita'. Minbarra meljorament estetiku il-fanali li gew installati naqqsu sensibilment il-konsum ta' energija. Saret manutenzjoni fuq id-dawl tat-toroq fejn kien hemm il-htiega, spiza li ghas-sena 2019 lahhqet l-ammont ta' €8,398

*Attivitajiet*

Ġiet organizzata l-attivita' **Jum Bormla 2019** fejn ġie preżentat ukoll l-unur 'Ġieh Bormla 2019' lis-Sur Joseph Serracino. Matul din l-attivita ingħataw rikonoxximent ukoll numru ta' individwi ohra. Hekk kif sehh fis-snin imghoddija, fl-2019 il-Kunsill Lokali ha hsieb jorganizza **attivita' fi zmien il-Milied ghat-tfal** tal-lokalita'. Matul l-2019 ittellghet ukoll it-tieni edizzjoni tal-**Cospicua Short Play Festival**, attivita' li kienet possibbli grazzi ghal fondi li nkisbu permezz tal-iskema ta' attivitajiet kulturali varata mis-Segretarjat Parlamentari ghal-Gvern Lokali. Il-Kunsill Lokali ha hsieb illi matul l-2019 itella' l-attivita' ta' nhar sinkronizzat mal-muzika nhar is-7 ta' Dicembru 2019

*Edukazzjoni*

Matul l-2019, il-Kunsill Lokali ikkollabora bis-shih mal-**iskejjel** kollha li jinsabu fil-konfini tal-lokalita'. Dan minbarra li wara assenza ta' nuqqas ta' snin, il-Kunsill Lokali ha hsieb li jikkordina **korsijiet fl-I.T.** li ttellghu fil-binja tal-Kunsill Lokali stess. Fl-istess waqt matul l-2019 gew varati numru ta' inizjativi fil-qasam ambjentali. Matul l-2019, hekk kif sehh fis-snin precedenti, il-Kunsill Lokali kompla jinvesti fil-**librerija pubblika** tal-lokalita' b'xiri ta' kotba u titjib tal-infrastruttura.

*Oħrajn*

Konna attivi ħafna f'laqgħat tal-**Forum tal-Komunita' Bormliża**. Inzammu wkoll numru ta' laqghat ma' diversi **Ministeri** u **Dipartimenti tal-Gvern** li kellhom l-ghan ewlieni illi jhejju t-triq ghal numru sostanzjali ta' progetti li qieghdin nippjanaw illi ghandhom jimmaterjalizzaw matul l-2020. Matul l-2019 inbeda progett intern ta' refurbishment fil-**binja amministrattiva** tal-Kunsill Lokali, liema progett ghandu jwassal biex ir-residenti Bormlizi jinghataw servizz ahjar u f'ambjent ferm aktar sigur.

*Ilmenti*

Il-Kunsill Lokali jirregistra l-ilmenti li jidhlu minghand ir-residenti u individwi li javvicinaw lill-Kunsill Lokali. Minkejja li kif imtenni jezisti registru, f'sena kalendarja jidhlu mijiet ta' ilmenti ohra li ma jigux registrati ghaliex tittiehed azzjoni dwarhom b'mod immedjat. Is-Segwenti hija gabra ta' ilmenti kklassifikati hekk kif gew irregistrati matul l-2018.

| | |
|---|---|
| *Wsc ( Drainage)* | 4 |
| *WSC ( Water seepage)* | 3 |
| *WSC ( Water leakage)* | 2 |
| *Waste Water* | 1 |
| *Waste Management* | 21 |

| | |
|---|---|
| *Verges* | 8 |
| *U-Channels* | 18 |
| *Traffic Signs* | 9 |
| *Traffic Management Directorate* | 50 |
| Sweeping | 45 |
| Soft Areas | 18 |
| Roadmarkings | 21 |
| Repairs & Maintenance | 121 |
| Littering | 19 |
| Un/Loading | 4 |
| Noise Pollution | 1 |
| Patching | 26 |
| Playing Fields | 2 |
| Police | 19 |
| Pavements | 5 |
| Litter bins | 4 |
| Law enforcement | 2 |
| Illegal Dumping | 8 |
| Health Inpectorate | 11 |
| Hand Rails | 14 |
| Gnien kottonera | 10 |
| Enforcement | 51 |
| Encumbering Objects | 4 |
| Derelict Vehicle | 2 |
| Deceased Animals | 2 |
| Dangerous Structures | 1 |
| General Cleaning | 45 |
| Bulk refuse | 49 |
| Bring-in-sites | 3 |
| Administration | 21 |
| ***TOTAL*** | ***624*** |

Il-ħidma fuq dawn l-ilmenti tokkupa regolarment lill-impjegati tal-Kunsill fuq bazi kwotidjana. Dawn minbarra li janalizzaw il-problemi, jiddiskutuhom mas-SegretarjuEżekuttiv għall-azzjoni li għandha tittieħed u jibdew proċeduri ta' verifika ta' dawn l-ilmenti, li uħud minnhom ma jkunux verifikabbli, jaraw ukoll li jinfurmaw liddipartimenti, jew kuntratturi u persuni responsabbli fejn dawn l-ilmenti jiġu solvuti għas-

sodisfazzjon tar-residenti. Ħafna drabi, iżda jinħela ħafna żmien prezzjuż għaliex l-ilment ikun nieqes minn informazzjoni korretta, jew l-ilment/rapport ma jkunx korrett, u minħabba l-fatt li l-Kunsill m'għandux sistema u mezzi sabiex jivverifika mmedjatament l-istess ilmenti li jidħlu. Fil-Kunsill ma jeżistix dak ix-'xi ħadd' li jista' jitqabbad jagħmel dan ix-xogħol! U għalhekk bilfors ikun hemm dewmien qabel ma jkun ivverifikat lilment, minbarra li kull xogħol jieħu ż-żmien tiegħu sabiex jitlesta, minħabba lproċeduri kollha li jridu jkunu eżegwiti, kif ukoll tal-finanzi disponibbli.

## 4.2 Konkluzjoni

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill ta' Bormla għas-sena 2019. Ta' min jinnota li matul is-sena, saru ħafna u ħafna aktar interventi u xogħolijiet mill-impjegati tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv li ma nkludejthomx f'dan irrapport. Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz, għaliex l-għan tal-Kunsill huwa li jagħti l-aqwa servizz lir-residenti, u dan ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.

Duncan Hall
Segretarju Ezekuttiv

## 5.0 *Statement of income and expenditure* ***(Siltiet mill-Annual Audit Report)***

**Statement of Income and Expenditure**

| | 2019 | 2018 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **Income** | | |
| Funds received from Central Government | 571,502 | 530,083 |
| Income raised under Council Bye-Law | 5,467 | 3,812 |
| Income raised under Local Enforcement System | 301 | 2,550 |
| General Income | 24,474 | 17,116 |
| | **601,744** | **553,561** |
| **Expenditure** | | |
| Personal Emoluments | 123,466 | 136,911 |
| Operations and maintenance | 253,376 | 254,535 |
| Administration and other Expenditure | 165,039 | 277,676 |
| | **541,881** | **669,122** |
| **Surplus / (Deficit) for the year** | **(59,863)** | **(115,561)** |

Kunsill Lokali Bormla Rapport Annwali Amministrattiv 2019

## *5.0 Statement of Affairs* (Siltiet mill-*Annual Audit Report)*

### Statement of Affairs

| | 2019 | 2018 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **ASSETS** | | |
| **Non-Current Assets** | | |
| Property, plant and equipment | 91,133 | 96,450 |
| 8Intangible assets | 0 | 0 |
| **Current Assets** | | |
| Trade and other receivables | 123,095 | 41,674 |
| Cash and bank balances | 544,037 | 338,450 |
| **Total Assets** | **768,265** | **476,574** |
| **RESERVES AND LIABILITIES** | | |
| Retained Earnings | 406,148 | 346,269 |
| Total Equity | 0 | 0 |
| **Non Current Liabilities** | | |
| Deferred income | 0 | 0 |
| **Current Liabilities** | | |
| Trade and other Payables | 362,117 | 130,305 |
| **Total Current Liabilities** | **362,117** | **130,305** |
| **Total Liabilities** | 362,117 | 130,305 |
| **Total Reserves and liabilities** | **768,265** | **476,574** |